**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**
**-vs-**

**Victor Lofreda**
**Victor Lofreda, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 466182M**

*Kumpilazzjoni Nru.208/2019*

Illum, 13 ta' Mejju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Victor Lofreda** u ċioe` talli:

> F'dawn il-Gżejjer Maltin, bejn ix-xahar ta' Mejju 2016 u x- xahar ta' Marzu 2019 u/jew b'diversi atti maghmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda –
>
> 1. B'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex jqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' disa' t'elef, seba' mija ħamsa w sebgħin Ewro (€9,775) għad-detriment ta' Dolores Galea, Kimberly Caruana, Lawrence Gellel, Jennifer Cilia, Zabrina Barbara, Maragaret Law, Samson Abdela Yoseph, Sarah Dimech, Misbah Nur Mohammed, Jose' Mariano Rodriques Schraner, Claire Micallef u Rudy Cutajar.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tipprovdi għas-sigurtà ta' l-persuni msemmija hawn fuq garanzija taħt artikolu 383 tal- Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u kif ukoll toħroġ ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi jew individwi oħra skond artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija t'ordna direttiva li tobbliga lill-ħati li jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew akkwista bi qliegħ ieħor kontra l-liġi, bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat li dwaru jkun ġie misjub ħati hekk kif imsemmi fl-artikolu 28H tal-kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Ġunju 2020,[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-Artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 383, 412C, 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Rat li fis-seduta tal-lum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried seta jerġa lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

[1] Fol.269

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, tan-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali tiegħu u taċ-ċirkostanzi tal-każ.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 308, 309 u 310(1)(a)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah ghal sentejn (2) priġunerija.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali tordna l-imputat jħallas l-ammonti dovuti lill-partijiet leżi fi żmien tlett (3) snin minn meta jsib impjieg.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qiegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna kollha neċessarja biex jjegħleb il-vizzju tal-logħob inkluż għajnuna psikoloġika.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**